MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 894/2003/1

**Jason Caruana.**

**v.**

**Nazzareno u Rozina konjugi Zammit.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li tghid hekk:
"Peress illi l-attur kien jghin lill-konvenuti billi jnaddaf iz-zwiemel taghhom u jittrenjahom ghat-tigrijiet gewwa l-istalel taghhom f'tal-Handaq, limiti ta' Hal Qormi;

“Peress illi fil-11 ta’ Frar 2003 l-attur mar kmieni fis-7 ta’ filghodu biex jiehu test tad-demm ta’ ziemel minnhom;

“Peress illi dakinhar huwa kellu jiehu t-tifel l-isptar ghal vizta u huwa halla c-cwievet ta’ l-istalel fl-ufficcju tat-tifel tal-konvenuti, Micheal Zammit;

“Peress illi meta rega’ mar lura xi l-9.45am l-ufficcju tat-tifel ta’ l-atturi kien maghluq;

“Peress illi li l-konvenut kien jigi xi l-11.15am u l-attur ma kellux biex jidhol biex inaddaf u jittrenja z-zwiemel;

“Peress illi l-attur seta’ jitla’ fuq is-saqaf ta’ l-istalel minn fuq il-kamra tal-klieb mibnija biswit l-istalel;

“Peress illi l-attur kif tela’ fuq is-saqaf ta’ l-istalel ingibed minn *cable* tal-*high tension* li qieghed biss xi 4 filati aktar gholi mill-bejt ta’ l-istalel u ha xokk eletriku qawwi;

“Peress illi l-istalel huma mibnija bla permess u ma setghu qatt jinbnew ezatt taht il-*cable* tal-*high tension*;

“Peress illi kawza ta’ dan l-incident l-attur sofra danni permanenti u tilef idu l-leminja minn fuq il-minkeb ‘l isfel;

“Peress illi l-konvenuti ghalkemm interpellati baqghu inadempjenti.

“Ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

“1. Tiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-incident fuq deskritt tal-11 ta’ Frar 2003 meta l-*high tension cable* gibed lill-attur meta huwa tela’ fuq il-bejt ta’ l-istalel tal-konvenuti b’rizultat li l-attur sofra danni permanenti u anki personali liema incident sehh minhabba nuqqasijiet, traskuragni u negligenza da parti tal-konvenuti;

“2. Tillikwida d-danni li sofra l-istess attur rizultat ta’ l-incident fuq indikat tal-11 ta’ Frar 2003;

“3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur id-danni fuq likwidati.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Zammit a fol. 10 tal-process li in forza taghha eccepew illi:
“1. Illi t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu respinti *stante* li huma ghal kollox infondati kemm fattwalment u kif ukoll legalment peress illi l-eccippjenti ma jahtu xejn ghall-incident meritu ta’ din l-kawza;

“2. Illi ma jezisti ebda *nexus* bejn il-konvenuti u l-incident in kwistjoni.

“3. Illi l-incident inkwistjoni sehh unikament minhabba l-agir negligenti grossolan da parti ta’ l-istess attur wahdu u xejn aktar;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghal premess u fl-aghar ipotesi ghall-eccippjenti, l-incident sehh minhabba n-negligenza kontributorja da parti ta’ l-istess attur;

“5. B’riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

“Bl-ispejjez konra l-attur minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Dicembru, 2006, li in forza taghha cahdet it-talbiet tal-attur peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.
“Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li huwa kien jghin lill-konvenuti billi jnaddaf iz-zwiemel taghhom u jittrenjahom ghat-tigrijiet gewwa l-istalel taghhom f’tal-Handaq, limiti ta’ Hal Qormi; jallega li l-incident gara fil-11 ta’ Frar 2003 meta huwa mar kmieni fis-7.00.a.m. biex

jiehu test tad-demm ta’ ziemel minnhom; kif lesta, peress li dakinhar huwa kellu jiehu t-tifel tieghu l-isptar ghal vizta, huwa halla c-cwievet ta’ l-istalel fl-ufficcju tat-tifel tal-konvenuti, Micheal Zammit; izda gara li meta rega’ mar lura f’xi 9.45am, dan  l-ufficcju tat-tifel ta’ l-atturi kien maghluq; peress li l-konvenut kien imur fl-istalel biss f’xi 11.15 a.m. u l-attur ma kellux biex jidhol biex inaddaf u jittrenja z-zwiemel, huwa ddecieda li seta’ jitla’ fuq is-saqaf ta’ l-istalel minn fuq il-kamra tal-klieb mibnija biswit l-istalel, izda gara li kif tela’ fuq is-saqaf ta’ l-istalel ingibed minn *cable* tal-*high tension* li qieghed biss xi 4 filati aktar gholi mill-bejt ta’ l-istalel u ha xokk eletriku qawwi; huwa sostna li l-istalel huma mibnija bla permess u ma setghu qatt jinbnew ezatt taht il-*cable* tal-*high tension* u li kawza ta’ dan l-incident l-attur sofra danni permanenti u tilef idu l-leminja minn fuq il-minkeb ‘l isfel u ghalhekk talab li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-incident tal-11 ta’ Frar 2003 meta l-*high tension cable* gibed lill-attur meta huwa tela’ fuq il-bejt ta’ l-istalel tal-konvenuti b’rizultat li l-attur sofra danni permanenti u anki personali liema incident sehh minhabba nuqqasijiet, traskuragni u negligenza da parti tal-konvenuti u li jigu likwidati d-danni li sofra l-istess attur rizultat ta’ l-incident fuq indikat tal-11 ta’ Frar 2003 u fl-ahharnett sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

“Illi min-naha taghhom il-konvenuti qed isostnu li l-incident indikat ma sehhx tort taghhom, anzi jghidu li huma ma jahtu xejn ghall-istess, tant li ma hemm l-ebda *nexus* bejnhom  u l-incident inkwistjoni, liema akkudut gara minhabba l-agir negligenti u grossolan *da parte* ta’ l-attur u xejn izjed; bla pregudizzju qalu li fl-aghar ipotesi ghall-konvenuti, l-incident sehh minhabba negligenza kontributorja da parte ta’ l-istess attur.

“Illi fil-fatt fid-dikjarazzjoni tal-konvenuti annessa mal-eccezzjonijiet ta’ l-istess jinghad li l-istess konvenuti qatt ma qalu lill-attur sabiex jitla’ fuq is-saqaf ta’ l-istalel u lanqas biss kellu jitla’ minn hemm tant li jinghad li l-konvenut *“ma jistax jifhem il-ghala l-attur qghad jixxabbat u jiskala mal-hitan ghall-aktar minn sular gholi meta ex*

*admissis kellu c-cwievet tal-fond fejn ried jidhol; ….jekk dak il-hin ic-cwievet ma kienux fuqu kif qed jallega, messu cempel lil minn kellu c-cwievet jew jistenna, izda zgur mhux jiskala l-hitan;…is-saqaf fejn sehh l-incident ma hemm ebda access ghalih tant li qatt ma kellu uzu ta' bejt u fil-fatt jinsab miksi permezz ta' membrane permanenti ghal kontra x-xita….".*

"Illi din il-Qorti ezaminat il-provi kollha bir-reqqa thoss li l-attur naqas li jipprova li l-incident in kwistjoni gara minhabba xi negligenza *da parte* tal-konvenut; anzi l-provi kollha prodotti juru li l-kawza prossima ta' l-incident kienet n-negligenza *da parte* ta' l-attur innifsu li sforz l-azzjonijiet tieghu ipperikola sahtu bla bzonn u spicca sabiex sfortunatament ikkawza danni permanenti fuq il-persuna tieghu.

"Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien jahdem ma' l-konvenut u x-xoghol tieghu kien jikkonsisti li jiehu hsieb iz-zwiemel li l-attur kellu fl-istalel f'Tal Handaq limiti ta' Hal Qormi. Jidher li fil-gurnata indikata fic-citazzjoni attrici l-istess attur mar fis-7.00.a.m. fl-istess stalel, ha d-demm taz-zwiemel ghal xi testijiet, u peress li kellu jmur l-isptar ghall-vista tat-tifel tieghu, halla c-cwievet fl-ufficju ta' iben il-konvenut u telaq; meta gie lura fid-9.15 a.m sab dan l-ufficju maghluq u ddecieda li jmur fl-istess stalel billi jitla' fuq kennel tal-klieb ta' xi erba' filati, jitla' fuq il-bejt tar-remissa, jaqbez ghal go bitha, jghaddi mill-bitha u mill-bieb ta' l-istess jidhol ghar-remissa; hekk fil-fatt ipprova jaghmel izda gara li sfortunatament meta tela' fuq il-bejt tar-remissa u mar biex jittawwal gol-bitha huwa laqat ma' *high tension wire* ta' 11,000 volts tal-Korporazzjoni Enemalta li kien xi zewg (2) metri l-fuq mill-istess saqaf li fuqu kien hemm l-attur, (liema *wire* jinsab indikat mir-ritratti esebiti mac-citazzjoni attrici u mix-xhieda tar-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta Anthony Farrugia (1 ta' Marzu 2005)), liema *wire* jidher li l-attur ghal xi raguni ma rahx u lanqas ikkalkula, bil-konsegwenza vera kera u serja li ma jafx kif huwa stess intilef minn sensih; meta rega' gie xi ftit f'tieghu sab ruhu fuq il-pjanci, li jsaqqfu parti mill-bitha, u soffra griehi f'ghonqu u drieghu l-leminija, u wara li mar l-isptar u saru

diversi opperazzjonijiet fuqu jirrizulta li sofra dizabbilta` permanenti serja ghaliex tilef il-minkeb.
“Illi intant din il-Qorti tirreferi ghac-certifikat tal-espert mediku Mr. Carmelo Sciberras li kkonstata li l-attur minhabba xokk ta’ l-elettriku qawwi soffra dizabbilta` permanenti li tinkludi li tilef dirajgh il-lemija u b’hekk soffra dizabbilta` permanenti ta’ hamsin (50%) fil-mija u dan kollox skond l-istess rapport ta’ l-espert mediku inkarigat mill-Qorti, tali rapport datat 12 ta’ Mejju 2005.

“Illi huwa veru li fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Bugeja vs Anthony Falzon et pro et noe”** (P.A. (N.A.) - Citaz. Numru 664/8/NA) intqal li huwa *“wiehed mill-obbligi …….ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet fuq ix-xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fl-ambjent tax-xoghol tieghu"* tant li fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Gauci vs Korporazzjoni Enemalta”** (P.A. (RCP) 10 ta’ Ottubru 2006) saret riferenza ghall-Att biex jippromwovi s**-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII ta’ l-1994** fl-**artikolu 2 (2)** tal-istess fejn jinghad li:-

“*Artikolu. 2 (2) (a) “Illi huwa dmir ta’ min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita’ fizika u psikologika tal-haddiema”.*

*“Artikolu.2 (2) (b) “Huwa dmir ukoll ta’ min ihaddem li jizgura illi kull process ta’ xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista’ jigi evitat ghall-inkolumita’ fizika u psikologika tal-haddiema impjegati minnu u ta’ haddiema mpjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nnifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur”.*

“Illi fil-fatt tenut kont tal-principju stabbilit fis-sentenza **“Joseph Bugeja vs Anthony Falzon”** (P.A. 30 ta’ April 1997), reitterata fis-sentenzi **“Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine”** (A.C. 7 ta’ Dicembru 1994); **“Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine”** (P.A. 12 ta’ Frar 1999); **“Emmanuel Felice vs**

**Freeport Terminal p.l.c.”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Gunju 2002); **“Carmel Baldacchino vs Freeport Terminal p.l.c.”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2002); u **“Anton Debono vs Law Qunitano”** (P.A. (RCP) 24 ta’ Marzu 2000) il-Qorti sostniet illi bl-applikazzjoni tal-artikoli appositi, huwa obbligu ta’ min ihaddem biex jipprovdi kondizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu. Tal-istess portata hija s-sentenza ricenti **“Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited”** (P.A. (AJM) 26 ta’ Frar 2001) fejn inghad li s-socjeta’ konvenuta ghandha tinzamm responsabbli meta ma tiehux hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem.

“Illi ghalhekk, isegwi li min ihaddem ghandu l-obbligu li jizgura ruhu li l-ambjent tax-xoghol huwa tali li l-impjegati tieghu ma jkunux esposti ghal risjki inutili. Fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Cini vs George Wells et nomine.”** (Citaz. Numru 766/93 NA) deciza fid-29 ta’ Mejju 2001, intqal li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta’ incident li jippregudika lill-impjegati tieghu.

“Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li mill-gurisprudenza recenti tistabbilixxi inekwivokabbilment li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem u f'dan ir-rigward issir riferenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **“John Sultana vs Francis Spiteri et noe”** (K. 28 ta’ Mejju 1979); **“Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe”** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **“Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine”** (P.A. 12 ta’ Frar 1999) u **“Joseph Cini vs George Wells proprio et nomine.”** (P.A. 29 ta’ Mejju 2001) fejn fl-ahhar decizjoni citata inghad:-

*“illi l-konvenuti naqsu mill-obbligu taghhom li jipprovdu kundizzjonijiet fuq il-post tax-xoghol intizi biex jipprotegu s-sahha tal-haddiem. Huma kellhom jipprovdu sistema ta' supervizjoni fuq il-haddiema intiza sabiex jigu evitati incidenti bhal ma gara fil-kaz odjern. Vide wkoll* ***“Michael***

***Fenech vs Sammy Meilaq nomine”.** (P.A. (DS) 23 ta’ Ottubru 2001**); “John Sultana vs Francis Spiteri et nomine”** deciza fit-28 ta’ Mejju, 1979, mill-Qorti tal-Kummerc; **“Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine”** (A.C. 7 ta’ Dicembru 1994), **“Joseph Bugeja vs Anthony Falzon”** (P.A. 30 ta’ April 1997), u **“Carmel Cini vs Carmel Caccopardo nomine”** (P.A. NA 5 ta’ Ottubru 1999).*

“Illi fil-kawza deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Lulju 2001 fl-ismijiet **“Julie Scicluna pro. et. noe. vs Sammy Meilaq nomine et.”** (Citazzjoni numru 11/92 DS) gie ribadit li min ihaddem ghandu jipprovdi *“a safe system of work”* u *“a safe working environment”.*

“Illi ovvjament dan kollu jiddependi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz li jridu jigi ezaminati fil-*fattispecie* ta’ kull kaz in ezami, u din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha prodotti jirrizulta li l-konvenuti ma naqsux minn dan l-aspett tant li din il-Qorti thoss li fil-kuntest ta’ dan kollu jidher car li x-xoghol ta’ l-attur mal-konvenut kien jinvolvi li jiehu hsieb iz-zwiemel tal-istess inkluz sabiex inadfilhom u jaghtihom jieklu u anke johroghom jippasseggaw u b’kollox huwa kien iqatta’ hemmhekk xi erba’ sieghat kuljum; sabiex jaghmel dan huwa gie moghti c-cwievet sabiex ikollu access ghall-istess zwiemel fl-imsemmija statel, inkluzi dawk tal-grada ta’ barra, tar-remissa tal-bhejjem, u wkoll ta’ l-ghalqa l-ohra fejn kien idawwar iz-zwiemel u jidher car li l-istess attur ma kellu qatt bzonn li jitla’ fuq is-saqaf ta’ l-istess stallel sabiex ikun jista’ jaghmel ix-xoghol tieghu, u fil-fatt hadd mix-xhieda u lanqas mill-partijiet u xhieda prodotti ma ghamel din l-allegazzjoni. B’hekk taht dan l-aspett ma jidher ebda nuqqas *da parte* tal-kovenut jew konvenuti u l-ebda wiehed mill-principji fuq indikati ma’ gew miksura mill-konvenuti b’mod li jista’ jinghad li l-istess konvenuti huma b’xi mod responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

“Illi fil-fatt jirrizulta wkoll mill-provi kolllha prodotti li lanqas biss jezisti access normali ghall-tali bejt ta’ l-istess stallel, tant li l-attur innifsu jirrakkonta li sabiex ghamel dan huwa tela’ fuq *kennel* tal-klieb u xxabbat biex tela’ mal-hajt ghal

fuq l-imsemmi saqaf, u dan l-istess attur ghamlu minn jeddu u ammetta li kien l-ewwel darba li huwa ghamel hekk ghaliex huwa kien halla c-cwievet f'ufficju li hemm fl-istess binja u dan kien imsakkar; huwa ghazel li ghamel dan minflok stenna li jigi xi hadd biex jiftahlu u wkoll ghazel li ma jikkomunikax mal-konvenut sabiex inewwilu c-cwievet jew sabiex imur jiftahlu hu, jew xi hadd li kellu cwievet ohra ta' l-istess fond, u dan ovvjament meta lanqas ma huwa kkontestat li l-istess attur kellu mezzi sabiex jikkomunika mal-konvenut kemm permezz tat-telefon u *contact number,* imsemmi mill-konvenut fl-affidavit tieghu datat 18 ta' April 2006 (Dok. “NZ2”). Fil-fatt il-lavranti ta' Michael Zammit, iben il-konvenut, certi Frankie Falzon u Eric Abela kkonfermaw li meta l-attur qalilhom li c-cwievet tieghu kien hallihom l-ufficcju li hemm fl-istess binja, li kien dak il-hin imsakkar, it-tnejn li huma qalulu sabiex icempel lill-konvenut sabiex jinformah u jkun jista' jiftahlu jew inkella jmur ghand il-konvenut, izda l-attur ghazel li dan ma jaghmlux u minflok ghazel li jitla' fuq is-saqaf imsemmi, ghalkemm l-istess saqaf lanqas biss kien hemm access ghalih, u fil-fatt ma hemm ebda tarag ghall-istess, u dan peress li kif qal il-konvenut *“dan il-bejt ma kellu ebda uzu u fil-fatt ma kienx jintuza tant li…………ma hemm ebda access ghalih; tant hu hekk li biex tela' ghal fuq il-bejt, l-attur ighid li huwa l-ewwel tela' minn fuq il-kamra tal-klieb”.*

“Illi apparti dan lanqas biss saret xi allegazzjoni li xi darba, fiz-zmien kollu li l-attur kien ilu jaghmel dan ix-xoghol, il-konvenut qallu sabiex jitla' fuq is-saqaf indikat; anzi l-istess konvenut jghid kategorikament li l-attur, u hadd ma kellu x'jaqsam ma' l-istess saqaf u ghalhekk ma kien hemm qatt ebda access ghalih, tant li tali saqaf kien kopert b'*membrane* ghal kontra x-xita. Mhux biss izda ladarba l-attur dak in-nhar jammetti li ma kellux cwievet, bl-azzjoni unilaterali li ha li jitla' fuq is-saqaf u mbaghad jaqbel ghall- bitha, xorta wahda ma kienx ser jakkwista access ghal fejn kienu z-zwiemel u dan ghaliex skond il-konvenut il-bieb taghhom kien maghluq b'katnazz, li l-attur f'dak il-hin lanqas kellu cwievet ghalihom. Din l-ahhar xhieda bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-attur, anzi din hija kkonfermata mill-istess xhieda ta' l-imsemmija lavranti

tal-burdnar Michael Zammit, li jghid li c-cwievet ghal din ir-remissa kellhom biss l-attur, il-konvenut u forsi anke Michael Zammit.

"Illi dwar il-fatt li ma hemm ebda access u lanqas uzu ta' dan is-saqaf, u li fil-fatt qatt hadd ma ghamel xi uzu mill-istess hemm ix-xhieda kategorika ta' Frankie Falzon fl-affidavit tieghu Dok. "FF1" a fol. 96 tal-process datat 18 ta' April 2006 fejn jghid:-

*"Ir-remissa hija gholja sular u ma kien hemm ebda access ghal bejt taghha – u kemm ili hemm jien qatt ma rajt dan il-bejt tar-remissa jintuza' ghal xi skop jew iehor u qatt ma rajt lil hadd jitla' ghal fuq dan il-bejt".*

"Illi din ix-xhieda hija kkonfermata minn dik ta' Eric Abela skond l-affidavit tieghu datat 18 ta' April 2006 esebit bhala Dok. "EA 1" a fol. 99 tal-process fejn qal li:-

*"F'hin minnhom Jason Caruana gie fuqna u qalilna li huwa kien nesa c-cwievet tar-remissa d-dar u ghalhekk ma setax jidhol ghaz-zwiemel. Frankie ssugerielu biex jew imur ghand Zaren biex jigborhom minghandu jew biex icempillu. Jason wegibna li ma kienx hemm ghalfejn joqghod jaqla' lil Zaren peress li kien jaf li kien qieghed ghand Zeppi n-naghal u esprima ruhu li kien sejjer ghalihom id-dar tieghu"*
.
"Illi dan mhux jikkonferma t-tezi tal-konvenut, izda wkoll jikkontradixxi dak li allega l-attur fl-affidavit tieghu li kemm-il darba ra mpjegati ohra u membri tal-familja jghaddu minn hemm meta ma jkollokx cwievet fuqhom (fol. 18) u dwar dan il-Qorti tinnota wkoll li lanqas biss sar tentattiv ta' kontro-ezami ta' dawn ix-xhieda mill-attur, fuq punt li certament huwa fatali ghall-allegazzjonijiet u pretensjonijiet attrici. Dan huwa sinifikanti meta fil-kontro-ezami tieghu li sar *viva voce* quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2006 l-istess attur sostna li kien gieli ra lill-imsemmija Frankie Falzon u Eric Abela fuq l-istess saqaf, haga li kien inghad l-istess xhieda kategorikament jichdu fl-affidavits taghhom.

“Illi huwa sinfikanti f’dan il-kaz li t-tezi tal-konvenut li ma hemmx access giet ippruvata u dan peress li mill-istess xhieda moghtija mill-attur jirrizulta li dak li huwa jsejjah bhala access ghall-istess saqaf huwa permezz ta’ kennel tal-klieb, u ma hemm l-ebda tarag, lift jew skalapiza, sabiex wiehed jaghmel dan, u wara li jitla’ fuq din il-*kennel* wiehed irid jixxabbat ma erba’ filati biex jitla’ fuq dan is-saqaf, wara dan biex jinzel ghall-bitha ma hemm l-ebda tarag, izda wiehed irid jaqbel ukoll ghal xi distanza. Fil-fatt l-istess attur jammetti li din kienet l-ewwel darba tieghu kemm kien ilu jahdem hemmhekk li ghamel din il-manuvra, li sfortunatament swietu hafna.

“Illi minn dan kollu jirrizulta li l-provi kollha juru li l-kawza ta’ l-incident ta’ l-attur kien l-agir tieghu stess li kien ghal kollox negligenti, tant li jirrizulta li meta ghazel li minflok jistenna lill-konvenut jitla’ fuq l-imsemmi saqaf, li lanqas biss hemm access ghalih, dan juri li kien l-istess attur li ghazel li jpoggi lilu nnifsu f’perikolu, anke biss jekk wiehed jikkonsidra l-mod li ttenta jaccedi ghal fuq l-istess saqaf; meta wiehed jikkonsidra l-*cable* tad-dawl li kien hemm ftit il-fuq mill-istess saqaf, dan wiehed jista’ facilment jarah, tant li l-attur innifsu esebixxa diversi ritratti sabiex jindika l-istess, izda certament tenut kont ta’ dan kollu, l-attur ma kellux ghalfejn jiehu din l-azzjoni, u certament li dan ghamlu minn jeddu u ghar-riskju tieghu. Dan ghaliex qal tali saqaf ma kellu x’jaqsam xejn max-xoghol tieghu, u hadd qatt ma qallu li kellu b’xi mod x’jaqsam ma’ dan is-saqaf; lanqas jirrizulta b’xi mod li l-konvenut qatt irrefera ghall-istess jew li xi darba dderiga lill-attur jimxi b’dan il-mod; anzi jirrizulta li sabiex l-istess attur iwettaq ix-xoghol tieghu li jiehu hsieb iz-zwiemel, jaghtihom jieklu u jippassigahom, huwa kellu x’jaqsam biss ma’ l-istalel u kellu access biex jidhol fihom permezz tac-cwievet relattivi, u dan ix-xoghol ma kellu x’jaqsam xejn mas-saqaf ta’ l-istess.

“Illi jidher li l-istess attur qed jibbaza l-pretensjoni fuq l-allegazzjoni li l-istess stallel ma humiex koperti b’permess ta’ l-izvilupp, pero’ dan ma jwassalx sabiex jinghad li l-bini ta’ l-istess strutturi bla permess ta’ zvilupp, (li huma proprjeta’ mhux tal-konvenut biss izda tieghu u ta’ huh

Michael Zammit (kuntratt datat 4 ta' Gunju 1999 ippubblikat minn Nutar Antoine Agius – Dok. "NZ 3"), kienu l-kawza prossima ta' l-incident sfortunat soffert mill-attur u dan billi jidher li kien l-agir irresponsabbli u manifest traskurat tal-attur li wassal sabiex huwa ghazel li johloq perikolu ghalih innifsu billi ghazel li jitla' fuq saqaf li ma ghandu ebda access ghalih bil-mod abbusiv li huwa ghazel volontarjament li jaddotta, u ghalhekk anke taht dan l-aspett l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Jigi wkoll rilevat ghall-korrettezza li l-proceduri dwar l-istess binja jidher li ghadhom pendenti quddiem l-Awtoritajiet koncernati ghall-hrug tal-permessi, pero' dan ma ghandu ebda ness man-natura tal-kawza odjerna fis-sens li ma hemm ebda ness ta' kawzalita` bejn dak li sofra l-attur u l-agir tal-konvenut, u dan proprju ghall-incident gara minhabba tort tan-negligenza u traskuragini esklussiva ta' l-attur li kapricozament ghazel li jipperikola sahhtu u hajtu b'manuvra kollha kemm hija perikoluza, li ma kellha x'taqsam xejn max-xoghol tieghu.

"Illi jigi rilevat li saret ukoll riferenza *da parte* ta' l-attur ghall-*wire* tal-*high tension* li jinsab ftit il-fuq mis-saqaf indikat, u dan jidher li l-attur kien jaf bih sew ghaliex kien ilu iktar minn sitt xhur jahdem mal-konvenut, u fil-fatt l-istess *wire* jidher car mill-istess ritratti li esebixxa l-attur stess; f'dan is-sens hija iktar serja l-irresponsabbilta' ta' l-attur li jaghzel li jaghmel il-manuvra li ghamel meta setgha jara u jinduna b'perikoli eventwali, iktar u iktar meta l-attur qatt ma kien kostrett minn hadd u minn xejn sabiex jitla' fuq l-istess saqaf; jidher ukoll li qabel ma ghamel dak li ghamel l-istess attur lanqas ha in konsiderazzjoni ta' l-istess tant li mir-rakkont tieghu ta' kif wegga' huwa jghid li lanqas biss jaf kif habat ma' l-istess *wire* u dan certament juri nuqqas ta' attenzjoni, iktar serja meta kien l-attur stess li kapriccosament pogga lilu nnifsu f'dan il-perikolu.

"Illi apparti dan kollu jidher li ghalkemm l-attur ipprova x'jaghti x'jifhem li l-permess ta' l-izvilupp ghall-ambjenti kollha fejn hemm l-istess stalel gew rifjutati minhabba dawn il-*wires* tal-*high tension,* dan ma jirrizultax mill-provi; il-provi juru wkoll li l-istess *wires tal-high tension* kienu ilhom li tpoggew hemm mill-Enemalta Corporation, u fil-

fatt hemm ghadhom minkejja li sar bini biswit il-binijiet proprjeta` *in parte* tal-konvenut.

"Illi b'hekk din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz dak kollu li gara sehh minhabba l-agir u htija ta' l-attur innifsu abbazi ta' l-**artikolu 1031 tal-Kap 16,** fejn jidher car li fl-eghmil tieghu huwa "*ma uzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja"* u dan anke skond id-dispozzjonijiet ta' l-**artikolu 1032 (1) tal-Kap 16 ("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici"** (A.C. - 3 ta' Dicembru 1991).

"Illi min-naha l-ohra din il-Qorti thoss li ma giet ippruvata l-ebda responsabbilta` ghall-akkadut *da parte* tal-konvenuti, anzi l-provi juru li ma hemm ebda ness ta' kazwalita' bejn l-agir tal-konvenut u d-danni sofferti mill-attur, liema danni gew ikkawzati mill-agir irresponsabbli ta' l-attur innifsu."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur, intavolat fid-29 ta' Dicembru 2006, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti:
"… … … joghgobha tannulla, tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet Jason Caruana v. Nazzareno u Rozina konjugi Zammit, Citazzjoni Numru 894/2003 RCP, u dan billi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti, u billi fit-tieni lok tillikwida d-danni sofferti mill-atturi jew tibghat lura l-atti lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal-likwidazzjoni tal-istess."

Rat ir-risposta telegrafika tal-konvenuti tal-11 ta' Jannar 2007 li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu illi din il-Qorti:
"… … … joghgoba tirrespingi l-appell imressaq mill-attur appellant u kwindi tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellant."

Rat li fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2009 l-avukat tal-appellati rrimetta ruhhu ghall-atti; l-appellant u l-avukat tieghu ma deherux;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob dikjarazzjoni ta' responsabbilta` fil-konfront tal-konvenuti, meta tela' fuq is-saqaf tal-istallel taz-zwiemel tal-konvenuti (hu kien ingaggjat biex inaddaf iz-zwiemel tal-konvenuti u jittrenjhom ghat-tigrija) u, wara li ngibet minn cable tal-high tension li kien jinsab 4 filati aktar gholi mill-bejt tal-istallel, ha xokk qawwi u allegatament sofra griehi personali. L-attur tela' fuq il-bejt tal-istallel ghax kien halla c-cwievet fl-ufficcju ta' iben il-konvenuti li kien maghluq fil-hin li ried jaccedi fl-istallel. L-attur, fil-fatt, kien mar kmieni fl-istallel, izda hareg kmieni wkoll peress li ried jiehu t-tifel tieghu ghal vizta l-isptar; kien meta telaq ghall-isptar li halla c-cwievet fl-ufficcju. Hu mar lura fejn l-istallel ghall-habta tal-9.45 ta' filghodu, u sab l-istallel u l-ufficcju maghluqa. Minghajr ma qaghad jistenna u minghajr ma prova jikkomunika ma' xi hadd tal-familja Zammit, tela' fuq il-bejt tal-istallel biex jipprova jikseb access minn wara. L-ewwel Qorti sabet kontra l-attur peress li l-attur ma kienx messu tela' fuq il-bejt, u l-incident sehh meta hu kien f'post li ma kellux ikun.

L-attur appella mis-sentenza, bl-argument tieghu jkun li l-kawza prossima tal-incident kien il-mod hazin kif kien imqieghed il-high tension cable, jew ahjar, il-fatt li sar zvilupp ta' bini mill-konvenuti taht il-cables minghajr ma nzammet certa distanza, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-Korporazzjoni Enemalta.

Jirrizulta bhala fatt li l-istallel kienu mibnija minghajr il-premessi mehtiega, u nbnew b'mod li holqu sitwazzjoni ta' periklu peress li ma thallhiex spazju sufficjenti bejn il-bejt u l-cable. Il-cable kien high tension ta' 11,000volts, u peress li kien 11KV, jigifieri wiehed mill-qawwijin, trid tithalla distanza ta' madwar 21 pied mill-art. Dan it-tip ta' cable hu perikoluz anke jekk semplicement tersaq lejh. Minhabba f'hekk, il-Korporazzjoni Enemalta topponi kull

meta jigi prospettat li jsir xi zvilupp taht il-cables ta’ din in-natura.

Nonostante dan l-istat ta’ illegalita`, jibqa’ l-fatt li l-cables kienu jidhru u l-attur ma kellux ghalfejn jitla’ fuq il-bejt tal-istallel. Ma kien hemm ebda access ghall-bejt, u biex tela’ l-attur kellu jixxabbat billi jitla’ fuq *kennel* tal-klieb u jingibed ghal fuq il-bejt. Meta l-attur irrealizza li ma kellux ic-cwievet, persuni ohra li kienu fl-inhawi u li kienu midhla tal-istallel, qalulu biex icempel lill-konvenut (l-attur kellu n-numru tat-*telephone* tal-konvenut), izda l-attur wiegeb li ma kellux ghalfejn jaqla’ lill-konvenut, ghalkemm stqarr li kien jaf fejn kien qieghed. Wara xi ftit iddecieda wahdu li jitla’ fuq il-bejt u jidhol fl-istallel minn wara. Kien hemm li sehh l-incident.

Bhala employer tal-attur, il-konvenut ghandu obbligu li jara li l-lok fejn ghandhom jahdmu l-impjegati jkun liberu minn kull perikolu, pero`, l-obbligu jestendi ghal-lok fejn hu mistenni li l-impjegati jwettqu xogholhom, u mhux ukoll postijiet ohra fil-vicinanzi fejn l-impjegat mhux mistenni li jmur biex iwettaq il-hidma tieghu. Jekk, minghajr awtorizzazzjoni, u fejn m’hemmx skalapiza, haddiem jitla’ fuq saqaf ta’ fabbrika, u jizloq ghal isfel ma jistax wara iwahhal f’min ihaddmu ghax is-saqaf kien jizloq! Fil-kawza **Mallia v. Baldacchino**, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta’ Dicembru, 1989, min ihaddem gie ezonorat minn kull responsabbilita` meta l-impjegat wegga’ fuq magna li ma kellux imiss peress li ma kienx xoghlu li jahdem fuq dik il-magna. Ghall-istess raguni, il-konvenuti m’ghandhomx jinstabu responsabbli meta l-attur mar f’post fejn ma kellux ikun. Ma kienx hemm xi trappola jew “concealed danger” fuq il-post tax-xoghol, u ma kienx mistenni li impjegat jixxabbat ghal fuq il-bejt biex ikollu access ghal gol-istallel, aktar u aktar meta liberu access kien “just a phone call away”.

Mhux kull stat ta’ illegalita` iwassal necessarjament ghar-respponsabbilita` f’kaz ta’ infortunju. F’cirkostanzi differenti, il-Qrati taghna osservaw li min ikun responsabbli ghall-istat ta’ illegalita`, mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-incident marbut

ma' dak l-istat fin-nuqqas ta' cirkostanzi ohra li jirradikaw it-tort tal-persuna responsabbli ghal dik l-illegalita` (ara per ezempju, is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Fogg Ltd et v. Vella**, deciza fid-19 ta' Novembru, 2001, fil-kuntest ta' sewwieq li kien qed isuq fin-nofs tat-triq).

F'dan il-kaz, l-attur ghamel l-imprevvist u avolja seta' jara l-periklu, ixxabbat, qisu halliel, ghal fuq il-bejt tal-istallel tal-konvenut b'sogru ghalih innifsu. Ma kienx dak li ghamlu l-konvenuti li wassal ghall-incident, izda l-agir azzardat tal-istess attur – kif jghid il-qawl Malti, "Min jittarraf jiggarraf".

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------